**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 6 ta' Marzu 2025**

**Rikors Numru 156/2024**

**Saviour Falzon (K.I. Nru 0744538M)**

**Vs**

**Vincent Perry (K.I. Nru 384046M) u**
**L-Awtorita' tad-Djar (bħala *Amicus Curiae*)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Saviour Falzon** fis-26 ta' Marzu, 2024, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

*1. Illi permezz tad-dokument magħmul min-Nutar Dottoressa Daniela Mifsud Buhagiar, datat 15 ta' Jannar tas-sena 2015, hawn anness u mmarkat bħala '**Dok A'**, ir-rikorrenti qiegħed jiġi debitament rappreżentat minn bintu Carmen Aquilina, imwielda f'Sliema u residenti f'4, San Ġużepp, Flat. 1, sitwat f'Triq Sir Arturo Mercieca, ġewwa Sliema, u detentriċi tal-karta tal-identità numru 0082461M;*

*2. Illi r-rikorrenti huwa proprjetarju tal-fond 69*[1]*, sitwat' f'Saint Helen Street, ġewwa Sliema, liema fond ġie għand ir-rikorrenti permezz ta' writ mingħand id-defunta Lucrezia sive Grace Falzon u dan permezz tal-causa mortis datata 6 ta' Frar tas-sena 2015, fl-atti tan-Nutar Dottoressa Daniela Mifsud Buhagiar, li kopja qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **'Dok B'**;*

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tas-27 ta' Ġunju 2024.

*3. Illi permezz ta' testment in atti tan-Nutat Dottor Angelo Sammut, datat29 t' Ottubru tas-sena 1970, liema testment qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok 'Ċ'****, id-defunta Rosalia sive Rose Falzon ġiet proprjetarja tal-fond mertu għal dawn il-proċeduri, ossia l-fond 69,*[2] *sitwat f'Saint Helen Street, ġewwa ta' Sliema;*

*4. Illi permezz ta' testment in atti tan-Nutar Clyde La Rosa, id-defunta Rosalia sive Rose Falzon kienet innominat lill-ħutha Lucrezia sive Grace u Giorgina, aħwa Falzon, bħala l-eredi universali tagħha. Dan it-testment qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok 'D'****;*

*5. Illi Rosalia sive Rose Falzon ħalliet din id-dinja fil-5 t'April tas-sena 2004, kif ukoll Giorgina Falzon ħalliet din id-dinja fil-11 ta' Diċembru tas-sena 2012. Permezz ta' causa mortis in atti tan-Nutar Dottor Daniela Mifsud Buhagiar, id-defunta Licrezia sive Grace Falzon ġiet propjetarja tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, liema causa mortis qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. 'E'****;*

*6. Illi hekk kif jirriżulta mill-Att magħmul min-Nutar Dottor George Bonello DuPuis, id-defunta Rosalia sive Rose Falzon kienet tat konċessjoni enfitewtika temporanja għal perjodu ta' 17-il sena dekorribbli mill-4 ta' Frar tas-sena 1975, lill-konvenut Vincent Perry, il-fond 69,*[3] *sitwat' f'Saint Helen Street, ġewwa ta' Sliema, liema Att Notarili qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala* ***'Dok.'F'****;*

*7. Illi konċessjoni enfitewtika temporanja kienet tiskadi fil-3 ta' Frar tas-sena 1992, u kellu ċens annwu u temporanju ta' ħamsa u tlettin lira Maltin (LM 35), pagabbli kull tliet xhur bil-quddiem;*

*8. Illi ai termini tal-Att XXIII tal-1979, ġialadarba Vincent Perry kien ċittadin Malti u ordinarjament residenti fil-fond in kwistjoni, huwa kellu d-dritt li jibqa' jgħix fl-istess fond b'titolu ta' kera doppja li tiżdied kull 15-il sena in linea mal-ogħli tal-ħajja pero' qatt aktar mid-doppju;*

*9. Illi l-kera li effetivament qiegħed jirċievi r-rikorrenti hija dik ta' mitejn u tnax-il ewro (€212) fis-sena;*

*10. Illi ai termini tal-Att XXVII tal-2018, sejatament a tenur tal-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti għandu dritt li jitlob li l-kera tiġi riveduta għall-ammont li ma jeċċedix tnejn fil-mija (2%) tal-valur liberu u frank fis-suq, u dan sabiex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera;*

*11. Illi fl-istadju inizjali tal-proċedimenti, dan l-Onorabbli Bord għandu jwettaq test tal-mezzi tal-inkwilin sond ir-Regolamenti dwar it-tkomplija tal-kirja hekk kif stipulat mill-Artikoli 1531F u 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostiwixxuhom, u jekk l-inkwilin intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul tal-*

[2] ibid.
[3] ibid.

*kapital tat-test tal-mezzi, dan l-Onorabbli Bord għandu jagħti deċiżjoni li tippermetti lill-inkwilin żmien ta' ħames snin sabiex il-fond jiġi vakat. Il-kumpens f'dan il-perjodu għandu jammonta għad-doppju tal-kirja li kienet tkun pagabbli skond l-Artikolu 12 u 12A tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, dan l-Onorabbli Bord għandu:***

*1.* ***Jiddikjara*** *u* ***jiddeċiedi*** *li Vincent Perry (K.I. Nru 384046M) huwa l-inkwilin tal-fond 69,*[4] *sitwat' f'Saint Helen Street, ġewwa Tas-Sliema, ai termini tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2.* ***Jordna*** *li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilin, Vincent Perry, li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwixxuhom.*

*3.* ***Jiddikjara*** *u* ***jiddeċiedi*** *illi ai termini tal-Att XXVII tal-2018, il-kera għandha tiġi riveduta għall-ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 69,*[5] *sitwat' f'Saint Helen Street, ġewwa Sliema, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjoni ġodda fir-rigward tal-kera;*

*4.* ***Tordna*** *u* ***tiddikjara*** *li jekk l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-intimat jiġi premess żmien ta' ħames snin sabiex il-fond jiġi vakat, oltre li jħallas kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu li jammonta għad-doppju tal-kirja li kienet tkun pagabbli skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 12 u 12A tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*5.* ***Jordna*** *f'każ f'każ li l-intimat inkwilin ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat inkwilin mill-fond 69,*[6] *sitwat' f'Saint Helen, ġewwa Tas-Sliema fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord wara ħames snin mis-sentenza sabiex il-fond jiġi vakat.*

Ra r-risposta ta' **Vincent Perry** ippreżentata fit-18 ta' April, 2024, li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:

*1. Illi huwa l-inkwilin tal-fond 33, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema, taħt titolu validu ta' kera u skond id-dritt mogħti lilha skont il-liġi;*

*2. Illi r-Rikorrenti u / jew l-antekawza tiegħu dejjem irrikonoxxew it-titolu validu ta' kera tal-Eċċipjent u dejjem aċċettaw il-ħlas tal-kera tul is-snin bil-kundizzjonijiet kif viġenti,*

[4] ibid.
[5] ibid.
[6] ibid.

*inkluż għalhekk l-ammont ta' kera dovut biż-żiediet fil-kera a tenur tal-Artikolu 1531C tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta].*

*3. Illi huwa dejjem ħallas il-kera dovuta u dejjem wettaq l-obbligi tiegħu skont il-liġi;*

*4. Illi l-Eċċipjent ilu għexieren ta' snin jokkupa l-fond de quo li jservi proprju bħala r-residenza ordinarja tiegħu taħt titolu validu ta' kera, b'dan li l-kera dejjem tħallset puntwalment u regolarment,*

*5. Bħala ħsara għas-suespost, l-Eċċipjent jirrileva li ż-żieda ta' 2% ma hijiex tassattiva iżda diskrezzjonali għal dan ir-rispettabli Bord, tant illi l-Artikolu 4A(2) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li ż-żieda fil-kera '**ma jeċċedix**' tali ammont, u kwindi jista' jkun inqas.*

*6. Bla preġudizzjoni għas-sueċċepit, u kif se jiġi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-Intimat jissodisfa u jikkwalifika għat-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u dan stante illi huwa pensjonant u ma għandu l-ebda proprjetà oħra jew assi kapitali li jissuperaw il-limitu stabbilit fil-liġi. Għaldaqstant l-Intimat huwa persuna li timmerita l-protezzjoni soċjali biex ikollha akkomodazzjoni adegwata u xierqa għad-dinjita' tagħha;*

*7. Illi minghajr preġudizzju għas-suespost l-Eċċipjent jisħaq li huwa m'għandux jiġi allokat b'ebda spejjeż legali u ġudizzjarji relattivi għal dawn il-proċeduri stante li huwa dejjem adderixxa ruħu mal-liġi nostrana u qatt u fl-ebda okkażjoni ma kiser kwalunkwe dispozizzjoni relattiva għall-kirja residenzzjali odjerna u in kwistjoni.*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri li jistgħu jiġu trattati fil-mori tal-kawża;*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fit-2 ta' Lulju, 2024, li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-kera tal-fond.*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma tistax tkun kundannata thallas xi kera u ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid*

*hekk referenza issir ghas-sentenza Catherine Cauchi v Remigio Cassar et Rik 315/20 Qorti Kost deciza 12/07/2023 li tittratta il-kwistjoni jekk fond ghandux jigi valutat bil-"potenzjal" tieghu u it-tifsira ta' dan. .*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilini jissoddisfaw it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed jista' jidhol fuq: [https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx](https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx)*

*Illi jigi rilevat li l-inkwilini ikunu jistghu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifikaw skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qieghdin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom.*

Ra d-Dikjarazzjoni Ġuramentata tal-intimat ppreżentata fl-24 ta' Ottubru 2024 li flimkien magħha ġew ippreżentati diversi dokumenti;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi r-rikorrent jikri l-fond numru 69 (gia 33), St. Helen Street, Tas-Sliema lill-intimat.

Illi fl-ewwel lok l-Awtorita` tad-Djar talbet li r-rikorrent jġib prova tat-titolu tiegħu u li huwa waħdu s-sid tal-fond in kwistjoni. Fil-fehma tal-Bord din il-prova ġiet sodisfatta bid-dokumenti esebiti mar-rikors promutur.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimat pproduċa prova tad-dħul u tal-assi tiegħu.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad-dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-intimat jirriżulta li fis-sena li nfetħet il-kawża l-intimat kellu tmienja u sebgħin (78) sena.

**Fir-rigward tal-livell ta' dħul**, persuna li jkollha ħamsa u sebgħin (75) sena jew iktar, tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu rilevanti ma jeċċedix il-ħamsin elf ewro (€50,000).[7]

**Fir-rigward tal-livell ta' kapital,** persuna li jkollha ħamsa u sebgħin (75) sena jew iktar, tissodisfa t-test tal-kapital jekk l-istess kapital ma jeċċedix is-sitt mitt elf ewro (€600,000) għall-perjodu rilevanti.[8]

Illi skont Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, *bonds*, *stocks*, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti, inkluż dawk bankarji, ma jirriżultax illi l-intimat jaqbeż l-ammonti ta' dħul u kapital imsemmija hawn fuq u kwindi jissodisfa il-kriterji tad-dħul u kapital tat-test tal-mezzi. Għalhekk il-Bord irid jgħaddi biex jiddetermina kemm għandha togħla l-kera.

---

[7] Ai termini ta' Regolament 3 (a) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għad-dħul bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena li jiġi intavolat fih ir-rikors abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

[8] Ai termini ta' Regolament 3 (b) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għall-kapital kif ikun fl-1 ta' Jannar, 2021, jew ħames (5) snin qabel ma jiġi intavolat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, skont liema data tiġi l-ewwel.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' mitejn u tmenin elf ewro (€280,000).

Illi l-leġislatur ħalla f'idejn dan il-Bord biex jawmenta l-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) pero` mingħajr ma ta l-ebda linji gwida kif għandu jsir dan l-awment. Għalhekk il-Bord irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha ppreżentati quddiemu u jasal għal persentaġġ li fil-fehma tiegħu ikun ġust. Illi filwaqt li min-naħa waħda l-Bord għandu quddiemu intimat li skont mill-informazzjoni pprovduta, jgħix bil-pensjoni u ma għandux xi mezzi finanzjarji sostanzjali, min-naħa l-oħra hemm sid li ma jistax jiddisponi kif irid mill-proprjeta' tiegħu.

Illi dan il-Bord huwa konxju tal-għadd ta' sentenzi kostituzzjonali ppronunzjati favur is-sidien ta' fondi suġġetti għal kirja regolata bil-Kapitolu 158 qabel dan ġie emendat bl-Att XXVII tal-2018, u fejn ġie dikjarat li ġie leż id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta`. Għalhekk dan il-Bord huwa tal-fehma illi jrid joħloq bilanċ ġust bejn id-dritt tas-sid li jieħu frott mill-proprjeta` tiegħu u d-dritt tal-inkwilin li jkompli fit-tgawdija tal-fond fejn jgħix. Il-Bord jirrileva li huwa wkoll konsapevoli tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn id-direzzjoni hija li l-awment għandu jkun lejn il-massimu iktar milli lejn il-minimu.[9]

Illi l-Bord huwa wkoll konsapevoli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-inkwilini f'każijiet ta' awment ta' kera ta' kirjiet protetti skont il-proċedura stabbilita mill-istess Awtorita` u dan kif muri fid-dokument esebit mill-Awtorita` a fol. 45-46 tal-proċess. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**,[10] il-Qorti Kostituzzjonali meta trattat dwar l-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158[11] tenniet:

---

[9] Ara **Gerald Camilleri et vs l-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020, **Anthony Cesareo pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 u **Cauchi vs Malta** deċiża mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021.

[10] 1 ta' Diċembru 2021.

[11] L-Artikolu 12B kien ġie introdott bl-Att XXVII tal-2018 sabiex ikun hemm mekkaniżmu biex tiġi miżjuda l-kera taħt il-Kapitolu 158 u sabiex tingħata protezzjoni biss lil min jikkwalifika għat-test tal-mezzi.

*"22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti,* ***Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana et*** *tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)"*[12]

Illi, għalhekk, wara li l-Bord qies il-ġurisprudenza li żviluppat dawn l-aħħar snin, il-valur tal-fond in kwistjoni, il-mezzi tal-inkwilin u l-interessi tas-sid, huwa tal-fehma illi jkun ġust li l-kera tal-fond in kwistjoni togħla bi 2% tal-valur tal-fond kif stmat mill-Membri Tekniċi tal-Bord. Għaldaqstant il-kirja awmentata għandha tkun ta' ħamest elef u sitt mitt ewro (€5,600) fis-sena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent u mill-eċċezzjonijiet tal-intimat billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi li ai termini tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta Vincent Perry (K.I. Nru 384046M) huwa l-inkwilin tal-fond 69, sitwat f'Saint Helen Street, ġewwa Tas-Sliema;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li t-test tal-mezzi ġie mwettaq fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara u jiddeċiedi li ai termini tal-Att XXVII tal-2018 il-kera tal-fond numru 69, St. Helen Street, Tas-Sliema għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' ħamest elef u sitt mitt ewro (€5,600) fis-sena pagabbli mill-intimat Vincent Perry (K.I. 384046M) kull sitt (6) xhur bil-quddiem u dana mid-data ta' din is-sentenza;

---

[12] *Fil-każ ta' pensjonanti u nies li jgħixu bil-benefiċċju soċjali jkopri l-awment sa massimu ta' €10,000 fis-sena, filwaqt li fil-każ ta' min jaħdem bi qligħ id-differenza bejn 25% tal-qligħ u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.*

4. Jiċħad ir-raba' u l-ħames talba stante li l-intimat jissodisfa il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

__________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**